**“Agħtina, Mulej, li nħobbu l-Knisja tiegħek li inti tant tħobb. Agħmel li nibqgħu fidili lejha bħal lejn Omm li tant tħobbna, sabiex magħha u permezz tagħha nkunu nistgħu nimmeritaw li nkunu qrib tiegħek, Alla u Missier tagħna. Amen!”**

*(San Quodvultdeus, isqof ta' Kartaġni.)*



**Il-Knisja**:

- hija frott l-imħabba li nsibu fit-Trinita' Qaddisa.
- hija immaġni tal-komunjoni Trinitarja
- twassalna għand Alla li hu wieħed fi Tliet persuni il-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu.

Għalhekk, kollox fil-Knisja huwa gej mill-imħabba ta' Alla Qaddis.
Il-qalb li tmexxi din l-knisja hija l-“agape”, jiġifieri dik l-imħabba li li gejja minn fuq u li twassalna għand l-Għoli.
Sejħa oħra ta' Kristu f'dan ir-Randan: ngħixu l-imħabba ta' bejnietna kif jistedinna huwa stess: “Ħobbu lil xulxin kif ħabbejtkom jien”.
Insarrfu l-imħabba kbira li Kristu wriena fil-passjoni u l-mewt fi mħabba sinċiera bejnietna, imħabba li taħfer, imħabba li tfittex biss l-paċi bejnietna, imħabba li tegħleb kull differenza.

*Kan Frankie Bajada, Arċipriet Għajnsielem*

## *Jistgħu jinteressawk*

- ***Mill-4 sas-6 ta' Marzu:*** eżerċizzi għaż-żgħażagħ Għawdxin f'Malta (Kappella tas-Sorijiet Frangiskani, Msida 7.15 p.m.)
- ***Is-Sibt 8 ta' Marzu:*** infakkru l-Jum Internazzjonali tan-Nisa

*gozopress • 21551534*

## *It-Talba tal-ġimgħa*



*Mulej, dawwal il-passi kollha tiegħi*
*bid-dawl tiegħek ħa nimxi miegħek u qribek.*




Ir-Raba’ Ħadd tar-Randan • Sena A • Id-39 Sena (2032) • 2 ta’ Marzu 2008



**Mill-Evanġelju ta' San Ġwann** Ġw 9, 1-41

F'dak iż-żmien: Ġesu', kif kien għaddej lemaħ raġel agħma minn twelidu, beżaq fl-art, għamel minnu qisu tajn, u dilek bih għajnejn ir-raġel agħma. U qallu: “Mur inħasel fil-għadira ta' Siloam.” Mela dak mar, inħasel, u ġie jara.
Il-Fariżej staqsewh kif sar jara. U hu qalilhom: “Qegħedli ftit tajn fuq għajnejja, mort ninħasel, u issa qiegħed nara.” Xi whud mill-Fariżej qalulu: “Dan il-bniedem mhux ġej minn għand Alla, għax ma' jħarisx is-Sibt.” Iżda oħrajn qalu “Kif jista' wieħed midneb jagħmel sinjali bħal dawn?” U ma' qablux bejniethom. U reġgħu qalu lill-agħma: “Int x'jidhirlek minnu, billi fetaħlek għajnejk?” Qalilhom: “Dak profeta.”
Ġesu' sabu u qallu: “Temmen int f'Bin il-bniedem?” Dak wieġbu u qallu: “Min hu, Mulej, biex nemmen fih?” Qallu Ġesu': “Mhux biss rajtu, imma huwa dak stess li qiegħed ikellmek.” Qallu: “Nemmen, Mulej.” U nxteħet jagħtih qima.

**RIFLESSJONI:**

- Huwa u għaddej Ġesu ra wieħed għama u fejqu. Dan jurina li Ġesu jinteressa ruħu mis-sitwazzjoni li nkunu fiha.
- Biex iseħħ il-fejqan jeħtieġ li jkun hemm l-koperazzjoni tagħna, billi nagħmlu dak li jgħidilna Gesu'.
- Wara l-esperjenza li kellu ma' Ġesu', l-għama stqarr lil Ġesu bħala Profeta. Għaraf fih lil dak li jwassallu l-messaġġ ta' Alla.
- Meta sar jaf lil Ġesu', l-għama ried ikun jaf iktar fuqu u taħ qima.
- Dan għandu jkun l-atteġġjament tagħna f'dan iż-żmien, meta Ġesu' qed joffrilna okkażjoni ta' fejqan spiritwali u ta' konversjoni. B'hekk ħajjitna issir innu ta' tifħir kontinwu lil Alla.

*Nemmen, Mulej!*